## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **569/2023/1 (AD)**

Fl-Atti tar-Rikors Kostituzzjonali Nru **569/2023 (AD)**

## CLIVE AGIUS

**vs**

## L-AVUKAT TAL-ISTAT
## L-AVUKAT ĠENERALI U
## IL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* magħmula permezz ta' rikors datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2023 (minn issa 'l quddiem ***ir-rikors odjern***), sabiex b'mod immedjat u *pendente lite*, ikun hemm is-sospensjoni ta' kwalunkwe skontar

ta’ priġunerija effettiva, u dan strettament relatat biss mal-konverżjoni pekunjarja, taħt dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

## Preliminari u Fatti tal-Każ Odjern

<u>*Ir-Rikors Promotur*</u>

2. Jirriżulta mill-atti illi fil-waqt illi fih ġie intavolat ir-rikors promotur, ir-rikorrent kien qiegħed jiskonta sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta’ Mejju 2019. Permezz ta’ din is-sentenza, il-Qorti ordnat il-konfiska tas-somma ffissata bħala garanzija personali, ossia s-somma ta’ għaxart elef Ewro (€10,000). Ir-rikorrent ma kellux il-mezzi biex iħallas l-ammont fit-totalita’ tiegħu, u għalhekk il-garanzija personali ġiet konvertita f’waħda ta’ detenzjoni għal perjodu ta’ sena, fit-termini tal-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

3. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi l-Artikolu 586 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u d-digriet tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) illi permezz tiegħu r-rikorrent ġie prekluż milli jħallas ratealment, illedew id-drittijiet fundamentali tiegħu kif sanċiti mill-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta,u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għaldaqstant, huwa intavola r-rikors promotur quddiem din il-Qorti, illi permezz tiegħu qiegħed jitlob lil din il-Qorti:

    a. *Tiddikjara li l-Artikolu 586 tal-Kodiċi Kriminali jmur kontra mad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kif sanċiti fl-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u fl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u similment id-digriet tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) datat 6 ta’ Settembru 2023;*

    b. *Tħassar u tirrevoka d-digriet tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-6 ta’ Settembru 2023 fuq imsemmi;*

c. *Tagħti dawk il-provvedimenti opportuni u xierqa sabiex l-esponent jingħata rimedju effettiv fiċ-ċirkostanzi;*

d. *Tagħtih l-opportunita' jħallas l-istess garanzija f'rati mensili bħala parti mill-piena tiegħu naxxenti mill-Appell deċiż mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri).*

*It-Talba għall-Ħruġ ta' Interim Measure*

4. Permezz tar-rikors odjern, ir-rikorrent ippremetta illi hekk kif huwa jtemm il-piena ta' inkarċerazzjoni effettiva, u cioe dik il-piena ta' erbgħin (40) xahar priġunerija effettiva skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri), kien ser jibda jiskonta s-sena priġunerija rappreżentanti l-ammont f'garanzija personali konvertit f'detenzjoni;

5. Għaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"tagħti ordni ad interim sabiex b'mod immedjat u pendente litis, ikun hemm is-sospensjoni ta' kwalunkwe skontar ta' priġunerija effettiva u dan strettament relatat biss mal-konverżjoni pekunjarja u dan taħt dawk il-provedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni u* ***prevja*** *li tisma' rappreżentanti tal-faċilita' korrettiva ta' kordin (records office) u kif ukoll wara li tisma' lill-istess reġistratur tal-Qrati Kriminali u l-esponenti dwar il-qadha* (sic) *tiegħu fis-seduta appuntata."*

*Risposta tal-Avukat tal-Istat għar-Rikors Odjern*

6. B'risposta għar-rikors odjern datata ħamsa (5) ta' Jannar 2024, l-intimati oġġezzjonaw għat-talba tar-rikorrenti sabiex tingħata ordni *ad interim* minn din il-Qorti, u dan għar-raġuni illi ma jeżistux l-elementi stabbiliti fil-

ġurisprudenza nostrana sabiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrent, u dan stante illi:

a. Ir-rikorrent ma weriex li hawn si tratta każ *prima facie* ta' ksur ta' dritt fundamentali. Il-konfiska tal-garanzija personali kienet konsegwenza għas-sejbien tal-ksur tal-ħelsien mill-arrest, u l-konverżjoni f'detenzjoni sservi ta' deterrent għal min ikun bi ħsiebu jikser il-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest; u

b. Ma teżisti l-ebda ħsara li ma tistax titreġġa' lura jew xi riskju imminenti u irreparabbli, u dan mhux każ ta' urġenza estrema, stante illi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) ilha li ngħatat minn Mejju 2019, cioe iktar minn erba' snin ilu.

**Il-Qorti**

7. Wara illi rat l-atti tal-kawża odjerna;

8. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Helenio Galea** in rappreżentanza tar-*records office* tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, prodott mir-rikorrent waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024, u rat id-dokumenti minnu esebiti u mmarkati **Dok HG1** sa **Dok HG18**;

9. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Stephania Calafato Testa** fil-kwalita' tagħha ta' Assistent Reġistratur fil-Qrati Kriminali u Tribunali, prodotta mir-rikorrent waqt is-seduta tas-sittax (16) ta' Frar 2024, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok SCT1** sa **Dok SCT3**;

10. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament tar-rikorrent **Clive Agius** waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024;

11. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament ta' **Marica Mifsud** waqt is-seduta tat-tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024, u rat id-dokumenti minnha esebiti u mmarkati **Dok MM1 u Dok MM2**;

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar it-talba fir-rikors odjern waqt is-seduta tal-Ġimgħa, tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024;

13. Rat illi l-kawża baqgħet differita għas-seduta tal-lum għal provvediment rigward it-talba għal *interim measure* magħmula permezz tar-rikors datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2023;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Mix-xhieda ta' **Helenio Galea**, rappreżentant tar-*Records Office* fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, irriżulta lil din il-Qorti illi:

> *L-erbgħin xahar inkluż ir-remission li ingħata fuqhom u inkluż l-10,000 garanzija jiġu skontati fl-20 ta' April ta' din is-sena*.[1]

16. Dan il-fatt ġie korraborat mill-*Case Data Report* esebit mill-istess xhud bħala **Dok HG12** a fol 52 *et seq* tal-proċess, illi jindika bħala "*EDR*", u cioe *"Earliest Date of Release",* tar-rikorrent, id-data tal-għoxrin (20) t'April 2024. Dan fir-rigward tas-sentenza karċerarja ta' erbgħin (40) xahar u sena detenzjoni fit-termini tas-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju 2019;

17. Saħansitra anke r-rikorrent stess jikkonferma illi, *"Jiena kont qed niskonta sentenza ta' erbgħin xahar ħabs u ta' din il-multa* (sic) *li tingħalaq f'April."*;

[1] A fol 25 tal-proċess

18. In oltre, il-Qorti semgħet ukoll lil **Helenio Galea** jikkonferma illi r-rikorrent ma kienx ser joħroġ mill-ħabs fl-għoxrin (20) t'April 2024 stante illi kien fadallu sentenzi oħra x'jiskonta[2]. Ir-rikorrent jikkonferma illi kien fadallu *"sentejn oħra u tliet xhur"*;

19. Ir-rikorrent jsostni fix-xhieda tiegħu illi huwa ngħata l-fakolta' illi jħallas il-garanzija personali meta jiskonta s-sentenzi karċerarji kollha, u cioe mhux immedjatament wara l-erbgħin (40) xahar. Jgħid, *"Jiġifieri jiena s-sentenza karċerarji li weħilt tal-ħabs kollu jispiċċaw fid-9 t'Ottubru jekk inħallas il-multa. [...] Ta' din is-sena. Jekk ma titħallasx ikun hemm sena [...] Fuq l-għaxart elef tal-garanzija personali."* Madanakollu, ix-xhieda tar-rikorrent mhix korraborata mill-verżjoni mogħtija minn Helenio Galea u mid-dokumenti minnu esebiti. Infatti, Galea jispjega:

> *Mela, is-sitt sentenzi jiġu skontati waħda wara l-oħra skont kif jidħlu għandna, pero jekk ikun hemm każ bħalma inzertat din kumbinazzjoni ukoll illi l-ewwel weħel l-erbgħin xahar pero waqt li kien qed jiskonta erbgħin xahar imbagħad ġiet il-konverżjoni ta' din is-sena fuq telf ta' garanzija personali sewwa, sakemm din is-sentenza ikun għadu ma skontahiex mela din tiġi magħha. Kieku din ta' erbgħin xahar kienet skontata kienet tiġi fuq l-aħħar, pero din is-sentenza kienet għadha active allura rridu nagħmluha magħha.*[3]

Jgħid ukoll, *"Għax erbgħin xahar u l-multa huma sentenza waħda u mhux multa separati."*[4]

20. Mill-premess din il-Qorti tifhem illi effettivament ir-rikorrent għadda sabiex jiskonta s-sena detenzjoni rappreżentanti l-konverżjoni tal-garanzija personali wara l-erbgħin (40) xahar, b'dana għalhekk illi l-perjodu ta' sena

---

[2] A fol 32 tal-proċess
[3] A fol 24 tal-proċess
[4] A fol 28 tal-proċess

detenzjoni ġie skontat nhar l-għoxrin (20) t'April 2024, u mhux għadu ser jiġi skontat wara illi jiskonta s-sentenzi l-oħra kollha illi ngħataw fil-konfrront tiegħu. Dan b'kuntrast ma' dak illi xehed ir-rikorrent;

21. Il-Qorti rat illi t-talba fir-rikors odjern saret sabiex tiġi sospiża *"kwalunkwe skontar ta' priġunerija effettiva* ***u dan strettament relatat biss mal-konverżjoni pekunjarja****"* (emfasi tal-Qorti);

22. Għaldaqstant, peress illi jirriżulta lil din il-Qorti illi r-rikorrent, sal-lum, skonta l-konverżjoni tal-piena pekunjarja f'sena detenzjoni, u l-piena karċerarja illi qiegħed preżentement jiskonta m'għandhiex x'taqsam mal-konverżjoni pekunjarja mertu tar-rikors promotur, il-Qorti tiddikjara l-mertu tar-rikors odjern eżawrit, u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**Decide**

23. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara l-mertu tar-rikors odjern **eżawrit**, u **tastjeni** milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tar-rikorrent għall-ħruġ ta' miżura proviżorja ossia *interim measure* kif magħmula permezz tar-rikors datat għoxrin (20) ta' Diċembru 2023.

Bl-ispejjeż ta' dan l-episodju a karigu tar-rikorrent.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Deputat Reġistratur**